**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

**1 ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 1 ta' Diċembru 2020, fis-Sala tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento – Sindku

Donnha Barbara – Viċi Sindku

Jerome Caruana Cilia - Kunsillier

Ralph Puli – Kunsillier

Carmelo Cuschieri – Kunsillier

George Muscat – Kunsillier

Daniel Ablett – Kunsillier

Marvin Zammit – Kunsillier

Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

Martina Grech - Kunsillier

Abigail Sammut - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

XEJN

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippresjeda l-laqgħa.

## 21.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.1.1 **Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 19, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 21 ġew approvati b'mod unanimu.

21.1.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 20, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 20 ġew approvati b'mod unanimu.

## 21.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.2.1 Is- Sindku Dr Josef Masini Vento infurma bħalissa qed jiġi mħejji l-Business Plan għas-sena 2021/2022.

21.2.2 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li flimkien mal-Accountant tal-Kunsill qed infasslu l-Budget għas-sena 2021 u malli jkun lest id-draft document, għandu jiltaqa' l-Kumitat Finanzji sabiex jiġi diskuss.

21.3.2 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma lill-membri li l-Kunsill huwa legalment obbligat li jorganizza l-Laqgħa tal-Lokalita'. Għaldaqstant se jkun qed jinħareġ avviż li jitqassam fid-djar kollha ta' Ħal Qormi sabiex jiġu mistiedna għal din il-laqgħa, li se ssir nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru 2020, fil-5.30p.m. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma wkoll li l-laqgħa ma tistax issir fis-Sala tal-Kunsill minħabba l-fatt li bħalissa qed tospita l-Librerija Reġjonali, għaldaqstant għandu jinstab post alternattiv. F'każ li ma jinstabx post alternattiv, il-laqgħa jkollha tiġi posposta sakemm isir dan.

## 21.4 MOZZJONIJIET

**21.4.1 Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab li jinqraw il-mozzjonijiet Nru 61, 62, 63 u 67 li jgħidu:

**Mozzjoni Nru 61 imressqa mill-Kunsillier Ralph Puli**

Billi l-Kunsill huwa kommess li jagħti ġieħ lil dawk kollha li taw kontribut qawwi lil Ħal Qormi nipproponi biex tissemma triq għall-mibki Renald Falzon.

**Mozzjoni Nru 62 imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

Il-Wisq Rispettabbli Sindku Renald Falzon ħadem mill-qalb għall-ġid tal-Belt Pinto. Bħala turija ta' rispett hu xieraq li nfakkru l-memorja tiegħu b'diversi modi.

Jien u Renald Falzon kemm 'il darba tkellimna dwar il-bżonn li jsir tisbiħ tal-Librerija Reġjonali u naf kemm irsista ħafna mal-Ministru konċernat biex isir it-tisbiħ fuq il-binja li tospita l-Librerija Reġjonali.

Li niffukaw fuq l-aspett edukattiv b'risq ir-residenti Qriema u tal-madwar huwa kruċjali fil-ħidma tagħna bħala Kunsill Lokali u Renald Falzon kien dejjem impenjat dwar dan il-qasam.

Barraminhekk, l-ewwel attività ufficjali tiegħu bħala Sindku ta' Ħal Qormi kienet propju sessjoni ta' qari mat-tfal li jattendu Skola Sajf.

Jien tkellimt mal-impjegati tal-Librerija Reġjonali dwar din il-mozzjoni. Mhux biss jaqblu mal-kontenut tagħha imma ikkonfermaw kemm Renald Falzon kellu għal qalbu din il-librerija.

Qed inressaq din il-mozzjoni biex il-Librerija Reġjonali li tinsab f'Ħal Qormi tissemma għal mibki l-Wisq Rispettabbli Sindku Renald Falzon.

**Mozzjoni Nru 63 imressqa mill-Kunsillier Daniel Ablett**

Ninsab ċert li l-kollegi tiegħi l-kunsilliera l-oħra wkoll urew xewqa li f'Ħal Qormi jiġi mfakkar isem il-mibki Sindku Renald Falzon. Fid-dawl ta' dan, li l-ġnien li ser isir fiż-żona ta' Farsina, ġnien li ħadem għalih Renald stess, jiġi msemmi għalih. Ukoll, jkun ġest sabiħ ukoll li ma dan il-ġnien isir bust tas-Sindku wkoll.

**Mozzjoni Nru 67 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-ġnien li se jkun qed jinbena fi Triq id-Deheb Fin, fiz-zona magħrufa bħala ta' Farżina, jissemma' Ġnien Renald Falzon u fih isir bust xieraq li jirrappreżenta lill-mibki Sindku.

Nipproponi li tinħareġ Expression of Interest sabiex isir id-diżinn u jinħadem il-bust minn artist lokali.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li l-familja tixtieq li jsir bust tal-mibki Sindku Renald Falzon, għaldaqstant idealment il-ġnien li se jkun qed jinbeda fi Triq id-Deheb Fin jissemma' Ġnien Renald Falzon u jsir bust fih. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento semma li dan huwa l-mod dinjituż ta' kif tingħata tislima xierqa. Is-Sindku, Dr Josef Masini Vento qal li ikun ġest sabiħ jekk Ġieħ Ħal Qormi 2020 jingħata in Memoriam lil Renald Falzon ukoll.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** rrimarka li l-Unur Ġieħ Ħal Qormi qatt ma ingħata lil persuna li ġiet nieqsa, iżda jista' jingħata Unur speċjali – Għarfien il-Ħila.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ppropona korrezzjoni għall-Mozzjoni Nru 61;

'***Wara li tressqu mozzjoni Nru 61, 62, 63 u 67 u billi kollha pproponew li jingħata ġieħ lil mibki Renald Falzon, u billi hemm qbil unanimu, qed jiġi propost li, b'konsultazzjoni mal-qraba, jissuġġerixxu l-post u t-tip ta' mafkar kif mixtieq*".**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

**Ivvutaw Favur 10 Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

**21.4.2 Mozzjoni Nru 64 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Wara s-suċċess li kisbet l-iskema ta' servizzi provduti minn Note Book Centre, fejn madwar 2,400 resident għamlu użu mis-servizz ta' manutenzjoni ta' computers u laptops, nipproponi li l-Kunsill jerġa' jidħol fi ftehim għal sena oħra mal-istess kumpanija, fejn għal ħlas ta' sena €4,995, "*The Notebook Centre'* jikkommetti ruħu li jipprovdi dawn is-servizzi li jsegwu hawn taħt lil kull resident Qormi mingħajr ħlas.

1. General Servicing
2. Physical cleaning

3. Re-formatting
4. Virus removal
5. Free antivirus software

Kull resident jista’ jibbenefika mis-servizzi msemmi darba biss. F’dan il-ftehim qed jiġi estiż ukoll għal PCs tal-Kunsill Lokali u tal-istaff.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** flimkien mal-Kunsillier Jerome Caruana Cilia talbu li l-Kunsill jiġi ppreżentat b’database sheet tas-servizzi li ntużaw mir-residenti qriema.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** issekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur **10 Kunsilliera (10)** preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**21.4.3 Mozzjoni Nru 66 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Billi aktar ma‘ jgħaddi ż-żmien, ix-xogħol tal-Kunsill aktar qed jiżdied u billi tinħass il-ħtieġa li jkollna mpjegat ieħor fil-Customer Care, nipproponi li l-Kunsill joħroġ sejħa għal Skrivan/a fi Skala 15.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** issekonda.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li l-ħtieġa tas-sejħa proposta hija minħabba l-fatt li m’hawnx persuna li taħdem u tagħmel follow-up tar-rapporti li jidħlu fil-Kunsill.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** semma li fil-passat l-Kunsill kellu mpjegata full time fuq l-ilmenti biss. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dak huwa l-għan, għal din is-sejħa, sabiex waħda mill-impjegati tiġi assenjata r-responsabbilta’ tal-ilmenti biss.

Ivvutaw Favur **10 Kunsilliera (10)** preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 21.5 Tender Evaluation Report

21.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda r-rapprot tal-Evalwazzjoni għal Construction Works – Ġnien Ġuże Galea.
Ir-rapport ġie approvat b’mod unaninmu.

21.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender tal-Contract Manager wasal biex jagħlaq.
Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona li l-impjegat assenjat mal-Kunsill, li diġa qed jagħmel dan ix-xogħol, jingħata t-training meħtieġ sabiex jipprepara rapporti b’mod regolari, u jibqa’ responsabbli hu minn dan ix-xogħol.
Il-Kunsill approva b’mod unanimu li l-impjegat tal-Kunsill jassumi r-responsabbiltajiet ta’ Contract Manager.

## 21.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2020.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Martina Grech** ssekondat

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2020.

## 21.7 Korrispondenza

21.7.1 **Tappiera privata mkissra mill-kuntrattur tal-Kunsill fi Triq Dun Alwiġ Psaila.**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-manutenzjoni meħtieġa saret mill-kuntrattur u t-tappiera in kwistjoni ġiet replaced bi slabs tal-konkos.

Il-Kunsill qabel li ġaladarba t-tappieri ġew replaced, m'għandux jingħata kumpens monetarju.

21.7.2 **Talba għal One-Way fi Triq Tal-Ħlas**

Il-membri ddiskutew din it-talba u jidher li din hija kwistjoni ta' nfurzar. Jekk din il-parti ta' Triq Tal-Ħlas issir One-Way, se jkun hemm bżonn ta' tibdil mhux biss fi Triq Tal-Ħlas, iżda fit-toroq kollha li jagħtu għaliha.

21.7.3 **Danni fi propjeta' privata fi Triq G.M. Camilleri**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit ħejja r-rapport meħtieġ. Wara li ntwera r-rapport, il-membri talbu li l-Perit jikwantifika l-ispejjeż u jekk hemm spejjeż kbar jagħmel tajjeb għalihom il-Kuntrattur.

Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 5 ta' Jannar 2021** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 5 ta’ Jannar 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |